MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 140/2010

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat,ipprezentat mill-attur A Cusans li  permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fl-1 ta' Settembru 1995 fil-Parrocca ta' Santa Marija H'Attard kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu gie anness mar-rikors;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi inoltre l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita tal-intimata illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga;

4. Illi l-kunsens tal-intimata nghata wkoll b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ulterjorment l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bi vjolenza jew biza a tenur tas-subinciz (a) tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwigijiet .

6. Ili ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn l-kontendi fl-1 ta' Settembru 1995 gewwa l-Parrocca ta' Santa Marija H'Attard huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975;

Talab lil Qorti:-

i. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn l-partijiet nhar l-1 ta' Settembru 1995 gewwa l-Parrocca ta' Santa Marija H'Attard bhala null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 19 tal-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975 u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-attur[1] li permezz taghha iddikjara illi ma hemmx kawza bejn il-partijiet pendenti quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku;

Rat ir-risposta gurmentata[2] tal-intimata fejn iddikjarat:-

1. Illi hu konfermat li z-zwieg gie celebrat fl-1 ta' Settembru 1995 fil-Parocca ta' Santa Maria H'Attard.

2. Li hu konfermat li l-partijiet huma genituri ta' tlett-it tfal;

3. Li t-talbiet tar-rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet premessi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

4. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu z-zwieg bejn l-partijeit sar b'mod responsabbli fejn l-partijiet mhux biss kienu jafu x'qeghdin jaghmlu imma kien l-istess rikorrent li kien verament insistenti li l-partijiet jizzewgu u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kaz.

5. Illi di piu u minghajr pregudizzju l-partijiet kellhom perjodu ta' gherusija liema zmien taght lil partijiet l-possibilita jirriflettu sew fuq id-decizjoni taghhom biex jizzewgu liema kunsens inghata fid-data taz-zwieg u dan b'mod responsabbli u bil-konsapevolezza x'jinvolvi dan il-pass liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.

6. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost qed jidher b'mod car li r-relazzjoni li ghandu r-rikorrenti ma' persuna ohra qed tkun pass determinanti biex ir-rikorrenti jistitwixxi dawn il-proceduri u tispjega l-ghaliex r-rikorrenti wasal f'dan il-livel biex iz-zwieg teighu jigi dikjarat null meta fil-fatt kien u ghadu validu sallum.

Salv risposta u/jew eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda[3] tal-konvenuta;

---

[1] Fol. 10
[2] Fol. 71

Rat li l-attur[4] ddikjara li l-partijiet ma ghandhomx proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dott. Anna Mallia pprezentat mahluf fit-23 ta' Ottubru 2013[5].

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[6].

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenuta tal-15 ta' Jannar 2014[7].

Rat in-nota ta' kritika tal-attur tas-27 ta' Frar 2014[8].

Rat l-atti kollha

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza

Ikkunsidrat

**Provi**

Mill-provi mressqa jirrizulta illi meta l-attur kellu ghoxrin sena beda relazzjoni mal-konvenuta li kellha tmintax-il sena. Wara sena u nofs ir-relazzjoni waqqfet b'decizjoni ta' l-attur. Damu erba' snin mifrudin u regghu rrangaw u wara sena u tlett xhur izzewgu fl- 1 ta' Settembru 1995. Dak iz-zmien li ltaqa' mal-konvenuta, din kellha tifel minn ragel iehor u dan it-tifel kellu sentejn. Fiz-zwieg dan it-tifel gie adottat. Matul iz-zwieg li dam hdax-il sena kellhom zewgt-ibniet li twieldu fil-1 ta' Frar 1997 u fis-17 ta' Mejju 2002. Il-hajja konjugali bdiet tiddeterjora u f'Lulju ta 2006 l-attur telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix mal-familja tieghu.

---

3 Fol. 72 - 73
4 Fol. 10
5 Fol. 395
6 Fol. 322 et. seq. u fol. 341 et. seq.
7 Fol. 423
8 Fol. 428

***Verzjoni attur***

Fix-xhieda tieghu viva voce **L-attur**[9] jiddeskrivi lill-konvenuta bhala '*mara sew u mara serja u t-tifel kien fic-centru tar-relazzjoni'* [10]. Mat-tifel kellu relazzjoni tajba hafna mill-ewwel *u t-tifel sar ihobbni hafna u jiena sirt inhobbu.'*[11] Ir-raguni li kien ittermina din -ir-relazzjoni wara sena u nofs kienet ghax irrealizza li ghalkemm 'i*l-mara kienet matura, mara sew, mara tajba, kellha tifel, kellha responsabbilitajiet.'*[12] u b'hekk hass *'li kien hemm pressure ta' familja, ta' certu responsabbilta' li nghid id-dritt ma kontx ta' eta' li kont ippreparat ghaliha.'*

Jghid li waqt l-gherusija kellhom il-*pressures* mill-genituri taghha sal-gurnata tat-tieg sabiex tidhol id-dar kmieni (*curfew*) u qatt ma kienu raqdu flimkien qabel iz-zwieg u '*l-ewwel darba li qattajna fis-sodda kien il-lejl tat-tieg.'* Jammetti wkoll li wara li kien iwassalha kien imur ma' shabu parties kwazi kuljum.

Matul l-erba' snin li damu mifrudin huwa baqa' in kuntratt regolari mat-tifel u kien anke johrog lit-tifel bil-permess taghha u ta' missierha u ommha. Kien beda jimmissja lilha u lit-tifel minn wara sitt xhur li infirdu u minn hemmhekk beda jaghmel minn kollox sabiex jipprova igieghlha terga' tibda tohrog mieghu izda hija ma riditx taf bih. Jghid '*Hi ma riedetx tiltaqa' mieghi, ma riedetx tohrog mieghi. Kienet tghidli li ma thobbnix izjed.'* Il-genituri taghha kienu jghidulu ihalliha bi kwieta. Jghid li *'hi assolutament ma riedetx taf bija'.* Jammetti li kien ghamel pressjoni fuqha u meta kien isiefer kien jibghatilha fjuri, kartolini, toys u rigali. Kien ghadda minn perjodu hazin u '*kienu haduni ghand qassis Fr Benjamin Galea........Dan kien itini hafna kunsilli tajbin, baqa' baqa' sakemm gharrasna u zewwigna hu pero' kien qata' qalbu f'dawk l-erba' ssnin.'*[13]

Ghamel l-ahhar tentattiv u stedina tmur Ghawdex bl-iskop li jiddeciedu bil-kalma ghal futur taghhom[14]. Jghid li *kont happy hafna li qalet diskors pozittiv u forward, mhux ghax tkellimna fuq iz-zwieg imma kien hemm fl-ahhar sinjal li riedet terga' tohrog mieghi.'*

Sena wara izzewgu.

---

[9] Fol. 123
[10] Fol. 125
[11] Fol. 124
[12] L-attru in kontro-ezami Fol. 213
[13] Fol. 127
[14] l-attur in kontro-ezami Fol. 219

Jghid li '*l-emozzjonijiet tieghi ghelbu r-raguni, l-genituri tieghi qaluli hafna, ma ridtx nisma.'* Isemmi l-fatt li ommu kienet marret snin qabel ghand fortune teller u kienet tghidlu li (l-konvenuta) ma thobbnix. *'Jiena s-sinjali li kienu qed jaraw nies li kienu jhobbuni jiena ma kontx qed narahom, dik il-verita.'*[15]

Jammetti li ommu marret ghand il-*fortune teller* sabiex din tghinha biex hu jinfired mill-mara tieghu u sar jaf li dan ammettiet li ghamlitu tant kemm xtaqet li tarah kuntent, pero' fl-ahhar qaltlu '*ibni jekk thobbha hudha, jigifieri dak iz-zmien kienet kontra u mbaghad meta sirt naf x'ghamlet wara dahari dak il-mument qaltli ibni jekk thobbha hudha pero' ara li thobbok u kellu jghaddi certu zmien biex irrejalizzajt kemm kellha ragun imma dak iz-zmien kont ghami jien.'*

Matul dik is-sena kien ikollhom relazzjonijiet intimi pero jghid li martu '*kient tkun birda hafna lejh...*'Jghid li qatt ma kellha orgazmu u kien ikun dejjem huwa li javvicinaha. Kienet taghtih kartolini izda l-kliem ‘I love you’ kien ikun wiehed sfurzat. B'hekk jikkonkludi li martu ma kinitx thobbu. Nonostante dan jghid li *'Jiena l-fehema tieghi kienet li l-mara riedet tizzewweg, emotionally I wasn't being objective, there were signs jekk noqghod nahseb fuq il-mumenti intimi u dan imma jiena fil-fehma tieghi l-mara kienet lesta biex tizzewweg.'*

Dwar pressjoni sabiex jizzewgu l-attur jammetti li meta rega’ rranga mal-mara qabel iz-zwieg ma kienx hemm pressjoni minn naha taghha u jispjega li l-mara kienet taht pressjoni u mhux hi ghamlet pressjoni biex tizzewweg. Jghid li l-genituri taghha, ohtha u binha kienu jaghmlulha pressjoni biex tizzewgu u dan kienu jghidulu l-genituri taghha b’mod partikolari ohtha. Barra minn dawn jghid li parti mill-pressjoni giet mit-tifel taghha li kien jibki meta kien ikun ser jinfired mill-attur.

Incident li inqala qabel iz-zwieg - xi ghaxart ijiem qabel - kien jikkonfigura l-ommu peress li din marret minn wara daharu ghand il-genituri tal-mara biex tghidilhom li t-tifel ma riedetx li jkun *ring bearer* fit-tieg. Jammetti li din ma kinitx l-ewwel darba li ommu kienet indahlet minn wara daharu. Ommu spjegatlu li C riedet thassar t-tieg u qaltlu li l-mara ma thobbux izda l-attur dak il-hin kien “qed jara red” ghax ommu indahlet ghat-tieni darba . Jammetti li huwa l-mimmi ta’ ommu.

Dwar il-kwalita' tal-gherusija jghid li fl-gherusija ftit kien il-hin li qattghu flimkien kemm minhabba l-*curfew* kif ukoll minhabba li t-tifel kien ikun maghhom.

---

[15] l-attur in kontro-ezami Fol. 222

Minkejja l-fatt li martu kienet daqsxejn passiva u bierda l-attur jammetti li ried jizzewwigha ghax kien ihobbha kif fil-fatt ghamel. Kien jahseb li wara t-tieg l-affarijiet jitrangaw u martu tirrilassa. Gara izda li t-tensjoni taghha marret ghall-aghar.

L-attur jghid li l-problemi bdew fil-honeymoon. Martu fil-honeymoon kienet interessata f'kollox hlief fih - kienet birda minnu u kienet tivvinta kull skuza biex ma tersaqx lejh. Hija baqghet hekk sakemm damu flimkien u lejn l-ahhar taz-zwieg martu talbitu biex ma jorqdux flimkien.

Fil-hajja konjugali jghid li sa mill-bidu taz-zwieg, martu kienet thallih jorqod maghha xi ghaxar darbiet f'sena u "I had to live with it." Kien iffissata fuq l-indafa u jirrakonta incidenti meta kien jinqalghu argumenti li gieli spiccaw fi vjolenza fisika.[16] u li din kienet regolari wara l-ewwel sena zwieg. Incident fosthom kien meta attakkatu b'sikkina tal-hobz ta' 12-il pulzier ma' sidru. Kienet tuza kliem oxxen quddiem it-tfal u hu jsikkitha u jkellimha bit-taljan biex t-tfal ma jifhmux u hi xorta tirrispondi bil-malti.

Minhabba dan l-agir, ghalkemm martu opponiet, kienu marru ghand il-psikjatra Dr George Debono fis-sena 1998 jew 1999 u qallha li ghandha *a classical case of depression* u taha xi medicini.

B'dawn il-problemi, li donnhom kellhom pattern ghax kienet tkun ok ghal xi gimgha gimghatejn jew tlieta, l-attur kkonvinciha tiehu kura minghand Dr Ae Micallef u dan meta kienet tqila bit-tielet wild taghhom minhabba l-attakki li kienu jtuha u li hu kien jibza hafna li ser tipperikola hajjitha u hajjiet t-tielet tarbija. Huma saru jafu li martu kellha kundizzjoni jghidula *placenta previa totalis* li setghet tmut f'temp ta' kwarta waqt li tkun rieqda.

Kienu l-Germanja dak iz-zmien u kellu jirranga biex igib lura lil martu b'jet privat stante li meta martu ddahlet fl-isptar fil-Germanja qalulha li trid tibqa' ma' genb it-theatre biex forsi ssalva jew jigiha r-rapture izda hija kontra l-parir tat-tobba tal-Germanja insistiet li tmur ghand ommha d-dar.

L-attur jghid li ommha kienet tikkontrollaha hafna lil bintha u ghadha hekk sallum. Difatti fi hdax-il sena zwieg u hames snin li ilu li telaq mid-dar l-mara kuljum ghand ommha jew ommha d-dar taghhom.

Huwa telaq mid-dar fis-7 ta' Lulju 2006 u dan peress li ma riedx jara lil uliedu jbatu aktar jaraw dan il-glied.

---

[16] dokumenti ezebiti Fol. 175 - 179

Dwar it-tifel ta' martu, l-attur jghid li kien ghalih garanzija li l-mara hija fertili u jista' jkollu tfal minnha u dejjem xtaq li jkollu tifel u t-tifel taghha kien parti minnu. *"Jiena t-tfal they are the most important thing in my life".*

Jghid li martu dejjem kienet tahbi gisimha minnu u kienet titgezwer bix-xugaman u qatt ma hallietu jaraha bla hwejjeg, tpoggi fuq is-sodda bix-xugamani taqbad il-friex u tidhol biex ma jarahiex u meta darba saqsiha qaltlu li ghax tisthi.

Dwar ir-relazzjoni tal-attur u ommu, jammetti li hu kien il-mimmi ta' ghajnejjha - kien l-ewwel wild fost erba' ulied; jammetti li qaghad ghax-xewqa ta' ommu li t-tifel ta' l-intimata ma jkunx ring bearer ghalkemm ommu ghamlet dan minn wara dahru.

Fiz-zwieg martu qatt ma qaltlu "I love you" minn jeddha u kienet passiva izda huwa kien ihobbha u ried iqatta hajtu maghha. Martu qatt ma qaltlu fi hdax il-sena zwieg, li kienet ghadha f'kuntatt ma' missier it-tifel sa qabel it-tieg u kien biss meta bdew l-problemi fiz-zwieg li qaltlu b'dan. L-attur jghid li issa jaf ghalfejn martu kienet bierda u passiva u dan ghax kienet sfurzata tizzewgu minn kulhadd inkluz minnu u binha u zzewgitu mhux ghax kienet thobbu.

**Fr Benjamin Galea OCD,** patri Terezjan, xehed permezz ta' affidavit[17] li l-attur sar jafu fis-sena 1992 waqt irtir, kien id-direttur spiritwali tal-attur u baqghu hbieb. Fis-sena 1993, fuq talba tal-attur, ipprova bhala medjatur jirranga sabiex il-partijiet jergghu lura flimkien. Dan ghamlu ghax deherlu li l-attur kien genwin fl-istqarrija tieghu li kien ihobb lill-konvenuta li ma urietux li minn naha taghha kien hemm cans ta' rikonciljazzjoni u qaltlu biex jghid lill-attur biex ihalliha bi kwieta - *'A does not take no for an answer'.* Fuq dan qal lill-attur sabiex ma jkompliex jippersisti ghax l-intimata ma kellha ebda interess izda wara xi zmien l-attur infurmah li regghu flimkien. Xi sena wara li regghu bdew johorgu flimkien huwa kien anke birkilhom c-crieket tal-*engagement* u tlett xhur wara zewwighom.

L-attur baqa' jiftah qalbu mieghu matul il-hajja mizzewga kollha u skont ix-xhud kien jidher car li kellhom problemi fiz-zwieg u dan ghax l-attur kien jghidlu li mir-romanticizmu ta' qabel iz-zwieg sab ruhu fi problemi kbar ma' C li qatt ma kien johlom li ser jghaddi minnhom. L-attur beda jiddubita fl-imhabba ta' C lejh u jekk izzewgitux b'maturita' jew le. Dan gara hafna qabel ma ntemmet l-hajja mizzewga taghhom fis-sajf tas-sena 2006.

[17] Fol. 46

**Doris B**, omm l-attur fl-affidavit taghha[18] tibda biex tghid li dan iz-zwieg missu qatt ma sehh ghax hu kien jiftah qalbu maghha u kienet taf li ghalkemm binha kien ihobb lill-konvenuta b'ghajnejh maghluqa hija qatt ma habbitu; kien ihobbha lil C. Dan kien car anke qabel iz-zwieg izda binha dejjem skuza l-imgieba bierda u indifferenti tal-konvenuta bhala rizultat tal-fatt li kellha trabbi tifel meta hi stess kienet ghadha tifla.

Tikkonferma dwar ir-relazzjoni li kellu binha mat-tifel tal-konvenuta u li ghad hemm relazzjoni tajba flimkien sal-lum u dwar il-fatt li ghamlu erba snin mhux flimkien qabel iz-zwieg. Kienet tghidilha biex tirranga ma' binha u li hi taccettaha kif inhi bit-tifel.

Tammetti l-indicent tat-tifel gimghatejn qabel it-tieg u kkonfermat li l-konvenuta qaltilha "Ma jsirx zwieg". Tikkonferma li lit-tifel ta' C ma riditux *page boy* fit-tieg minhabba n-nies u C kienet rrabjat u qalet li thassar it-tieg. Sar it-tieg u l-ispejjez kollha tat-tieg harighom binha l-attur. Tghid li hija u zewgha selfu xi flus lill-partijiet biex jixtru d-dar matrimonjali u parti zghira biss minn dawn l-flus thallsu lura.

Tghid li f'Dicembru 2005 hija u zewgha stiednu lill-familja kollha ghal cruise. Waqt dan il-cruise C bdiet taghmel minn kollox biex iccekken lil zewgha quddiemhom; kienet taqla' l-problemi l-hin kollu biex tmur tard ghall-ikel u ghall-eskursjonijiet. Fuq dan l-agir kienet staqsiet lil binha kif jissaporti dan l-agir u huwa rrispondiha li dawn ix-xenati kienu ta' kuljum hekk kif jirfes l-ghatba tal-bieb tad-dar. Kien qalilha li kienet tkelmu baxx quddiem it-tfal u anke hebbet ghalih u girfitu u xi drabi anki b'sikkina.

F'Jannar 2006 l-attur infurmaha li ahjar ma jorqodx aktar d-dar biex ma jaghmilx aktar dannu lit-tfal. Tghid li l-attur ghalkemm telaq mid-dar izda baqa jmur kuljum jghinhom fl-istudji taghhom u johroghom fil-weekends u festi. Tghid li l-attur ghall-ewwel mar joqghod ma' huh u wara mar joqghod maghhom ghax ma setghax ilahhaq mal-ispejjez. Skond hi ghal C l-attur iservi biss biex jipprovdi flus u sigurta'.

Tiddeskrivi l-konvenuta bhala *'a cold person she does not show emotions'.* maniac, violent u lil zewgha dejjem tghajru.

Waqt iz-zwieg tghid li dejjem kienu jargumentaw u l-problema kienet, kif kien igerger maghha t-tifel, ghax ommha kienet tkun dejjem d-dar f'kull hin. Binha kien jahdem hafna u jasal id-dar fis-7pm ghajjien , kien igibilha seftura u hi ma kienetx tahdem. Meta gie lura mill-honeymoon binha qallha "I

[18] Fol. 49

made a mistake" u x-xhud qaltlu lilha hadt ibni. Tghid li *she was married to cleaning and to her housework*. Dwar jekk marritx ghand Yoda ghazlet li ma tirrispondix izda tghid li kellha pjacir biha u bit-tifel taghha.

Omm l-attur ma taccettax li z-zwieg sfratta minhabba fiha. Qatt ma rat sehemha fiz-zwieg ta' binha. Tghid li binha biss kien jipprova isalva z-zwieg. *'She does not have a mind u zzewget minhabba l-pressure kbir li kellha mil-genituri taghha minhabba li kienet single mother. Marida fit-tindif ikollha s-seftura gejja u lejliet xorta tnaddaf. Ghaliha l-ewwel id-dar, imbaghad t-tfal u forsi r-ragel.'*

**Thomas B** fl-affidvit tieghu[19] jghid kwazi l-istess li xehdet martu izda jzid ukoll li huwa qatt ma ra sinjal ta' mhabba minn naha ta' C u li kienu l-genituri taghha li nkoraggewha hafna biex tizzewweg lil A minhabba li kellha tarbija barra z-zwieg. Jammetti wkoll li ibnu ghamel hafna pressjoni fuq C biex tizzewgu. Jghid li kienet tghajru 'ohxon' quddiemhom u l-attur stqarr mieghu li martu qaltlu li ma kienetx thobbu u kienet thajru biex ifittex nisa ohra ghax ma riditx ikollha x'taqsam aktar mieghu.

In kontro-ezami[20] Thomas B xehed li huwa kkonkluda li z-zwieg kien ser ifalli milli kien jara b'ghajnejh u b'dak li gara wara z-zwieg. Kien jaraha bierda u riduha tizzewweg biex tingabar ghax kienet *single mother.*

Jghid li ibnu zzewweg minhabba t-tifel li ghandha u li ghadu jissapportjah sal-lum. Fit-tieg ma rahiex ferhana u dan ghax kellha pressjoni mill-genituri taghha biex tizzewweg. Ra b'ghajnejh il-grif go dahru meta girfitu C u kien hu u martu li qalulu jmur l-ghassa jaghmel rapport.

Ix-xhieda ta' **Sharon Anton**, oht l-attur li kienet ix-xhud tieghu ghat-tieg. hija permezz ta' affidavit. Tghid li dakinhar tat-tieg meta hija kienet fil-karozza max-xhud tal-mara, certu Suzanne Schembri llum mizzewga, Alimi, din qaltilha li C qatt ma riedet tirranga ma' huha u li kien tant kemm sfurzaha l-attur u l-genituri taghha li zzewgitu. " *Ma riedet assolutament terga tirranga ma' A, qaltilhom le, l-genituri pruvaw li jikkonvincuha tmur lura ma' A, hadtha jiena fil-kamra tas-sodda u kellimtha wahda jiena u ghorroktha wahda jiena. Imbaghad nizlet isfel u qaltilha ok. Jigifieri mmur lura ma' A u jiena wara li smajt dan bzajt li ser tinqala xi wahda. Maybe C ma tizzewwigx."* Hija tghid li harget mill-karozza tterter u anke kienet qed tikkonsidra tghid li huha biex ihassar it-tieg dakinhar. Wara ssemmi x'gara meta l-familja kollha marret il-cruise u x-xenati li kienet taghmel C quddiem kulhadd fosthom darba meta kienet mistiedna fuq il-mejda tal-kaptan ghal ikla ta' filghaxija ghax l-kaptan kien jafu r-ragel taghha u hija ghamlet xenata ghax ippretendiet li zewgha joqghod babysitter mat-tfal u mhux Cris t-tifel tax-xhud, ghax riedet li hija u binha jkunu jistghu jigu fuq l-mejda tal-kaptan.

---

[19] Fol. 52
[20] seduta nru 3-perit legali

Tikkorabora l-incidenti waqt il-cruise u zzied '*I say that in seven days C harassed him all the time, disrupted our excursions, she ridiculed and offended him in front of us and his children and was not looking for solution or compromise like when a family goes on a cruise, like respecting basic things as coming to dinner in time.'* u l-incident ta' qabel it-tieg dwar il-page boy u tikkumenta li *'Could be just nerves before a wedding.'*

Tametti *li qalet lil huha - ' I personally told my brother this is mental harassment what she is doing to you and he replied this is 'my everyday' and I told him 'You should not allow somebody to treat you this way'.* u tiddeskrivi dan il-haressment x'kien - '*A was constantly trying to find peaceful solutions and C was not interested in any solutions. She does made trouble, one incident was the dinner with the captain at Cayman Islands example para 2 line 6 and line 7. She contradicted him in all he said if he says white she says black. It was all throughout the day. We were all effected by this attitude.'*

**Rose Schembri,** omm il-konvenuta, prodotta mill-attur xehdet[21] li hija ghandha relazzjoni mill-qrib ma' bintha u tarah kuljum peress li ggibilha it-tfal. Tmur ghand il-konvenuta kull nhar ta' Hamis peress li jkollha s-seftura. Gieli marret aktar spiss '*Kien ikollha l-imghallmin u kien ikolli noqghod babysitter mal-baby.'*

Dwar l-ewwel perjodu li l-partijiet kienu flimkien tghid: '*Meta kien jigi d-dar biex johorgu jien kont nopponi li ddum hafna barra ghax kellha tifel ta' 7 snin. Kien iwassalha u jerga' johrog. Dan kien jigri meta kienu flimkien qabel. Infatti li kienu jarawh ma' ohrajn.'*

Dwar l-erba' snin meta l-partijiet kienu infirdu tghid - '*Fil-perjodu li ma kienux johorgu flimkien wara li kienu hassru, kien dam jigri warajha, jigi d-dar hdejna biex jergghu jirrangaw ghax kien iddispjacut li jkellimha....... Biex jurijha li jriedha lura kien xtralha curkett ghax kien dispjacut ta li ghamel.......Ir-reazzjoni tat-tifla meta A kien jigri warajha f'dan il-perjodu – kienet iddispjacuta. Kienet tilqa' l-avvanzi tieghu biex jirranga. Ghall-ewwel ma riditx. Riedet tkun certa qabel tidhol ghaz-zwieg.'* u izzid '*Ir-relazzjoni ta' C ghall-ewwel ma kienetx riedet peress li ma kienetx tafdah pero' imbaghad taghtu cans iehor, wara erba' snin.'*

*Niftakar li xi jumejn qabel it-tieg omm A giet ghandi u twissini li jekk it-tifel ikun ring bearer hi ma tigiex it-tieg. Biex ma naqlax kwistjonijiet accettajt li ma jkunx. Infatti lanqas riedet li jidher fir-ritratti, fil-fatt qaghad il-hin kollu mieghi waqt it-tieg. C kienet prezenti andikun. Kienet iddispjacuta ghat-tifel. Ridna ninvolvuh biex ikollu nvolviment ta' xi haga.'*

[21] viva voce seduta numru 1 A Fol. 86

Dwar jekk il-konvenuta riedetx thassar iz-zwieg ix-xhud tghid: '*nghid li f'rabja kulhadd jghid kollox.'* u kienet qalet lil bintha *''biex tara l-affarijiet daqsxejn qabel ma taqbad u taqta'.*

Dwar it-tieg tghid li *'Kien hemm tlett xhur bejn l-gherusija u z-zwieg ghax tant kien imghaggel l-attur ghax kien qallha li t-tifel li kellha ta' seba' snin ried jidrah bhala missieru.'*

Dwar l-allegat indhil taghha tghid li '*meta kien ikollhom xi jghidu huwa t-tnejn, omm A kienet iccempilli u tghidli certa affarijiet u jien kont nghidilha li ma rridx nindahal, issa mizzewgin. Fil-fatt darba A stess irringrazjani ghax qatt ma ndhalna. Wara li hassru fiz-zwieg, ommu kienet cemplitli u kellu wahda mill-Estonia u niftakar li qaltli kemm hija "stunning". Ma tantx dam biex ikollu relazzjoni ohra. Nghid li t-tieni wahda jiena rajtha.*

Dwar il-fortune teller tghid '*Niftakar li qabel iz-zwieg A kien gie qalli li ommu kienet marret ghand "fortune teller" biex jithassar iz-zwieg. Jien qatt ma ndhaltilha. Fil-perjodu meta ma kienux flimkien qabel iz-zwieg kont nghid lil C biex tara xi trid taghmel. Kont inwassal il-messagg ta' A. "I never put pressure to marry". L-ghazla kienet taghha.*

Tispjega l-incident ta' dak in-nhar tat-tieg meta ma hallitx lil A jidhol gewwa u dan kien ghax *'jien nemmen fit-tradizzjoni li l-gharus ma jarax l-gharusa qabel it-tieg. Ghidt dan bil-kalma!'*

Waqt it-tieg tghid li '*C ftit sieghat qabel kienet happy. Kienet taf x'qed taghmel.'*

Dwar il-vjolenza tixhed li '*Darba gie A jurini girfa zghira pero' ma nistax nghid li ghamlitilu C. Kulhadd ikollu xi jghid fiz-zwieg. A urini l-girfa. Ma qallhiex min kien ghamililhu.'*

Dwar il-kura li hadet il-konvenuta matul it-tqala, ommha tghid li '*Dr Ae Micallef kienet giet id-dar ghand C. Din tikkalma n-nies. Kienet tigi ghand C meta kienet pregnant. Jien ma kontx inkun prezenti. Kien baghatha A. C dak iz-zmien forsi kienet wasslet.*

*Nikkonferma li kienet giet aktar minn darba. C kellha tqala hazina u din giet biex tikkalmaha mentalment u emozzjonalment. Din ma kienitx mignuna. Infatti meta kellha l-baby ghaddiet 15-il jum ghandi. Ma kienitx tiflah. Ma nafx jekk kinitx tigi ghax C kienet terfa' jdejha fuq ir-ragel taghha.*

*Dwar tobba ohra qabel Dr Micallef C qatt ma rat tobba ohra. Darba A kien gab lil Dr Muscat wara li kellha l-baby u kien ta l-kalmanti. Kellha post natal depression. It-tifla thank God qatt ma kienet marida.*

*Dwar l-indafa nghid li C fitta bhali. Fitta jigifieri nhobbu l-indafa, l-affarijiet f'posthom.'*

**Carmelo Schembri,** missier l-intimata ikkorabora[22] l-fatti li ssemmew minn omm l-intimat.

**Suzanne Alimi,** oht l-intimta, li kienet ghadha toqghod id-dar mal-genituri taghha sakemm il-partijiet izzewwgu, waqt li tikkonferma dak li intqal mill-genituri taghha zzid li l-partijiet kienu hassru ghax kienet rat lill-attur l-Axis jizfen ma haddiehor. '*F'dawk l-erba' snin A kien jigi d-dar, baqghu hbieb. A kien jipprova jerga' jirbah lil C lura. Gieli kien igib xi bukkett fjuri, kartolini. Jiena kont inkun ix-xoghol pero' f'Valentine's Day kien jibghat kartolina...........Meta hassru u kien jibqa' jigi lura kienu hassru ghaliex A, saret taf C, kien johrog, fil-fatt darba jiena rajtu l-Axis, kont ma' Charlotte, inzilna nizfnu, u rajtu kien qed jizfen ma' xi haddiehor. Lili A kien lemahni u xejjirli qisu ma gara xejn. C b'dan ma kienetx taf imbaghad ghidt lil C u din haditha bi kbira. Meta hassru u A rega' pprova ma' C, hi ma riedetx ghax hassitha traduta. Maz-zmien fuq il-persistenza ta' A, C ddecidiet li forsi terga' tipprova. Jiena kienet tiftah qalbha mieghi. Kienet tghidli li hemm dik il-haga li ma tafdahx.'*

Dwar pressjoni li setghet ghamlet lill-intimata ohtha tghid: '*Jiena qatt ma ghidtilha biex tirranga. Kienet hajjitha. Imbaghad A bil-karezzi, persistenza rega' rebahha. Darba gie d-dar biex ikellem lill-genituri tieghi biex jipperswadihom jikkonvinci lil C. Morna darba, dawra bil-karozza biex ikellimni biex nipprova nirrangalu ma' C u jiena ghidtlu "Jiena nghidilha imma mbaghad hi trid tiddeciedi". Kont kellimt lir-C, ghidtilha li xtaq jirranga "Issa f'idejk". Kien dak iz-zmien li C riedet terga' tipprova. Sa dak in-nhar, tul iz-zmien, C ma riedetx.'*

Dwar it-tifel li joqghod *page boy* tghid li '*Ahna biex inzommu l-paci kellna noqghodu ghal dak li qalet hi. Hi assolutament ma riedetx it-tifel, C u anke ahna hadna ghalina. C niftakar li kienet qalet li ser thassar iz-zwieg imma l-kelma ggieb hekk, ma kienetx ser thassar.*

Dwar x'gara fil-karozza qabel it-tieg tispjega li '*Fil-karozza qabel it-tieg irkibt ma' oht A, Sharon. Tkellimna fuq kemm hi sabiha C, u qaltli xieraq jerga' jdurilha u jiena ghidtilha "Alla hares".* Tghid li ma tafx ghaliex Sharon qaltilha hekk u ma tafx x'kien ghaddej f'mohha dak il-hin. '*Dan kien 15 –il sena ilu u ma niftakarx x'intqal pero' dak il-kliem niftakru, nghid li kien kollu 'small talk'.*

[22] Fol. 144

**Dr Peter Muscat,** psikjatra jghid li kien ra lil intimata go darha stess bhala pazjenta fid-9 ta' Marzu tas-sena 1999 kont rajt lil Ms. C; kellha 28 sena, mizzewga, b'zewgt-it tfal. Kienet ghaddejja minn stat ta' ansjeta' qawwija u *depression* kif ukoll kien hemm tilwim bejnha u zewgha u wara li kellimha fit-tul deherlu li kellha bzonn anti-depressants u ta Seroxat wahda kuljum.

Rega ra fil-31 ta' Mejju 1999 u sabha stabbli. Jghid li 'Is-sitwazzjoni ma' zewgha kienet hafna ghal ahjar u kienu qed jippjanaw holiday go Disneyland ghal Lulju. Fl-20 ta' Lulju 1999 ergajt rajtha, ergajt sibtha stabbli u rrakomandajt li tibda tiehu l-Seroxat ghal nofs wahda kuljum.

Taghjtha appuntament tigi tarani wara xahar pero' qatt ma ergajt rajtha hlief illum 12-il sena wara.

Jghid li l-ansjeta kienet rizulta ta' tilwim bejniethom. *'Kien hemm glied pero' mhux affarijiet gravi. Nara hafna aktar affarijiet serji minn dawn. Nghid li l-glied wassal ghal aggressjoni fizika. Ma jidhirliex li kien hemm affarijiet gravi da parti tal-konvenuta.'*

Dwar il-kura qal li *'Is-sitwazzjoni taghha kienet tjiebet u allura wara hames xhur kienet tajba bizzejjed u jien naqqast id-doza. Jista' jkun li wara dak l-episodju jista' jkun hemm relapse.'*

Dwar ir-relazzjoni tal-partijieti jixhed li '*Kien hemm diversi complaints fuq zewgha. Id-dettalji ma niftakarx pero' kien hemm complaints. Il-complaints ma kienux gravi. Ma kienx hemm vjolenza, droga etc – li ma kienx ikun prezenti bizzejjed maghha. Jekk ma tkunx qed tikkowpja tkun tixtieq li jkun 24 siegha maghha. Niftakar li kif hassitha hi ma kienx hemm support. Ma jidhirliex li kien hemm neglect reali fl-opinjoni tieghi. Fil-fatt f'gimghatejn l-affarijiet ittjiebu u fl-ahhar giet solvuta. Fl-opinjoni tieghi dan kien kaz li gie solvut malajr. Ma nafx x'gara minn dak iz-zmien, setghet mardet, setghet marret ghand haddiehor.*

Dwar l-istat mentali tal-intimat irrimarka: '*Din f'dak iz-zmien kienet "Depressive anxiety state" u wiehed minn erbgha jbaghtu minn din id-depression. Jekk sejjer ghall-ezami jista' jkollok depression u jekk tehel jkollok reactive depression.*

*Wiehed minn ghoxrin persuna jbatu b'depression u ghandhom bzonn treatment. Mhiex sever bizzejjed din id-depression biex tfixkel il-hajja normali ta' kuljum. Hija komuni pero' m'hiex serja daqs schizophrenia jew psychotic disorder. Ma kienx hemm hard core symptoms bhal hallucinations dehesions jew psychotic phenomena. Din id-depression ma taffettwax id-decision making in between episodes. Jista' jeffettwa meta tkun ghaddejja mill-fasi ta' depression.*

*Kull depression hija relattiva u ma nistax nghid li ebda persuna li d-depression tieghu tkun minima hija xi haga oggettiva. Ma kienetx depression serja bhal psychotic depression. Kienet a relative mild depression which she improved within few months, but from the perspective of the individuals concerned it could have been the worst scenarios.*

**Dr George Debono,** psikjatra xehed[23] li r-records tieghu inharqu u ma kienx cert l-konvenuta kellhiex depression pero jiftakarha tmur ghandu. Pero jekk genn kien jiftakar u psychotic ma hiex zgur.

**Dr Ae Micallef** tiddeskrivi lilha innifisha bhala '*stress and re-habilitation specialist.'* Lill-partijiet saret tafhom xi ghaxra jew tnax-il il-sena ilu ghax l-intimata kellha diffikultajiet fit-tqala. *Tghid li 'There was a lot of concern as there were very specific complications – the well-being of the child and the mother..........Other concern Mr B had apart from this was the vulnerability of his wife; he as well was going through a period of uncertainty regarding the well-being of the family unit. His views were mostly, and It's an inference here, was his wife physical, emotional and psychological and the social aspects. Social would refer to the relationship of the couple.*

Dwar ir-relazzjoni konjugali tghid li '*At the time Mr B did not tell me specifically about problems in the relationship but I inferred from the conversation that we had. Re sessions with Ms B, I must clarify I got involved in the context of the traumatic experience............As anticipated there were severe levels of anxiety and moderated depressed effect. There is always behavioural outcome. Ms B was indicating more withdrawn. I explained that to her and then proceeded to a couple of sessions to work on coping skills due to the fact that she gave birth which is a major-life event.*

Irrizulta li l-intimata kellha '*tendency to withdraw and holds in her stress........... 'Ms B was suffering from anxiety and as everyone expresses it its either fight or flight. Ms B was more passive aggressive, periods of instability and expressed argumentatively or withdrawal state. Mr B was showing frustration himself, he did not know how to deal with the problem – that is the condition of his wife's state. He was helpless and asked if I could help his wife.'*

***Verzjoni konvenuta***

Il-konvenuta xehdet[24] li fuq talba tal-attur bdiet tohrog mieghu. Wara sena hassru peress li kienu jargumentaw hafna dwar il-fatt li kienet tkun trid tidhol kmieni d-dar ghax hekk kienu jesigu l-genituri taghha - hija kienet *single mother* u dan l-attur kien jafu. Hasret ghax saret taf mill-kugina taghha li rawh disco ma' haddiehor *hand in hand* u hasret. Issemmi incident meta cemplilha biex ma tmurx fuq d-dghajsa mal-familja tieghu ghax ma kienx hemm post ghaliha u wara saret taf li kien hemm is-singers tal-Boney M.

[23] Fol. 152
[24] Fol. 260

Wara ftit iddispjacih u beda jipprova jirranga u wara erba' snin hi accettat ghax hasbet li l-affarijiet kienu ser jergghu jibidlu u riedet taghtih cans iehor. Meta regghu bdew johorgu flimkien t-tifel kien akbar u setghet toqghod izjed tard cioe sas-siegha u anke gieli sas-saghtejn ta' filghodu.

Hi kellha dubju f'mohha jekk kienx verament ihobbha. Tghid li lil zewgha dejjem qdietu f'kollox. Qabel z-zwieg kien ikollhom x'jaqsmu flimkien b'mod regolari. Tghid li dejjem qdietu sesswalment anke meta wasal biex telaq mid-dar hu insista li jkollu x'jaqsam maghha u hi accettat ukoll. Tammetti li kien ikun l-izjed hu li kien javvicinaha.

Dwar ir-relazzjoni mal-kunjati tghid li din kienet normali u kienet tmur ghand il-ġenituri tieghu darba fil-gimgha imma t-tifel ma kienetx tiehdu maghha. L-ġenituri tieghu kienu kuntenti biha tant li ommu kienet taghtiha xi jewellery jew xi hwejjeg.

L-inkwiet mal-kunjata taghha beda ftit granet qabel it-tieg meta il-kunjata ma riditx lit-tifel tal-konvenuta pageboy. Ghalija ma kienx jaghmel sens ghax kulhadd kien jaf li hi *single mother*. Ommu rrikattatha li jew isir kif trid hi jew ma tigix t-tieg. Dan gara fl-assenza tal-attur.

Dwar it-tieg tghid li dan thallas mill-attur u tahseb li kien ghalhekk li ommu pretendiet li jsir kif trid hi. Ommu t-tifel lanqas fir-ritratti tat-tieg ma riditu u anke marret twaqqaf lil *bridesmaid* taghha milli ddur bis-souvenirs ghax ma ghogbuhiex. Ir-ragel fil-fratemp baqa' passiv u jaghmel dak li tghidlu ommu.

Dwar il-*fortune teller* tikkonferma li l-attur kien qallha li ommu kienet marret ghandha sabiex tipprova tifridhom minn xulxin.

Tghid[25] li hi izzewget lir-ragel ghax habbitu u li hadd ma gielha. Kellhom *honeymoon* tajjeb. Tammetti li waqt iz-zwieg hi d-dover taghha li tnaddaf, issajjar, tiehu hsiebu u allavolja ma kienx jghina xorta gabu t-tfal fid-dinja

Fil-hajja mizewwga tghid li zewgha ma kienx jinvolviha – l-ewwel ommu u familtu u imbaghad hi. Tghid li meta kienu gharajjes ommu kienet taghtu cavetta ta' flat milli kellhom biex ikunu jistghu ikunu intimi ma' xulxin. Huwa qatt ma kien jeqred li ma kienetx tissodisfah. Fil-bidu taz-zwieg tixhed[26] li ir-relazzjoni ma kienetx hazina u dan sakemm kellhom it-tifla. Fit-2002 meta kellhom t-

[25] Fol. 295
[26] Fol. 287

tifla z-zghira beda l-inkwiet ghax hu kien iqatta hafna hin barra mid-dar minhabba hafna xoghol u safar u minhabba li kien membru f'diversi ghaqdiet.

Tghid li komunikazzjoni bejniethom ma kienetx daqshekk tajba ghax hu kien dejjem irid jaghmel kif jaqbillu. Thoss li ma kienx jitratta ta' *equal* bhala mara tieghu, kollox jiddeciedi wahda. Ma kienetx tiehu pjacir li jekk qed jieklu barra ma' shab ir-ragel u tiddejjaq zewgha jwassalha u jerga jmur lura l-ikla.

Tghid li zewgha kien iqatta hafna hin fuq l-computer u kien gieli jara pornogafija wkoll. Kien jixtrilha affarijiet bhal hwejjeg, gojjelli etc izda hija qatt ma sfurzatu jaghmel dan. Tghid li ghal zewgha l-passatempi u hafna mill-affarijiet tieghu jigu qabilha u qabel l-familja.

Tghid li ommu kienet tindahal fiz-zwieg u ghalkemm ma kienx juriha kollox dwar finanzi, hi kienet hemm biss biex tiffirma loans u transfers li kien jiehu mill-bank u kien dejjem jghidilha biex thalli f'idejh.

Tammetti li kienet tikkritikah hafna ghax kienet tkun imwegga b'xi affarijiet li kien jaghmel hu izda ma kienetx aggressiva mieghu. Kieku ma kienx jibqa jmur d-dar biex jara t-tfal. Tammetti izda li l-incident tas-sikkina kien ghax kienet fil-kcina u kellha s-sikkina f'idejha u xejritha waqt li kienet qed tirrabja mieghu.

Dwar ir-relazzjoni intima tghid li kellha t-tfal zghar u kienet tkun ghajjiena izda kien ikollhom x'jaqsmu flimkien bejn tnejn u tlett darbiet fil-gimgha' Dwar l-adulterju tghid li zewgha beda johrog ma' Crystal Vilver mill-Estonja meta kienu ghadhom jghixu flimkien u l-familja tieghu kienu jafu b'dan. Il-familja tieghu kienu jafu li ser jitlaq mid-dar minn Jannar tal-istess sena, fil-fatt f'Lulju 2006 telaq pero' hi baqghet issajjarlu ghal sena shiha.

Dwar is-sahha mentali taghha tghid li d-*depression* u ansjeta ma kellhiex as such; kellha nervi minhabba li ma kienux sejrin sew flimkien u ghax kien ihalliha hafna hin wahedha. Hi thoss li zewgha baqa jghix ta' *bachelor* u mohhu fil-*gala dinners* u hi riedet tibqa aktar d-dar mal-familja. Ommha kienet tmur *babysitting* biex huma jmorru l-*gala dinners*.

Ommu kienet tghidilha kif ghandha ggib ruhha ma' l-attur u kienet tindahal f'affarijiet ohra u wrietha li ma haditx pjacir li binha izzewweg lilha. L-unika darba li gew fl-idejn kien darba f'10 snin u nofs meta kienu fil-*bedroom* meta l-kbira kellha xi 3 snin.

In kontro-ezami l-konvenuta tinnega li kellha xi pressjoni mill-genituri taghha jew minn ohtha biex tizzewgu. Tammetti li qabel it-tieg iltaqghet ma' missier it-tifel izda dan kien *by chance* u hu kien ma' habib iehor. Kien saqsiha hux ser tizzewweg ghax semgha minn haddiehor u hi qaltlu iva. Tinnega li riedet tikkancella t-tieg wara l-incident ma' ommu qabel it-tieg . Tghid li kienet '*looking forward'* biex tizzewweg u incertizzi mill-f*eelings* tieghu ma kellhiex.

Tinnega li l-grif fuq zewgha li jidhru fir-ritratti ezebiti saru minnha. Lanqas ma taqbel li ommha kienet tmur ghandhom kuljum. Dwar l-incident tal-quccija hija tinnega li qaflitu barra u qaltlu biss sabiex jistenna zewg minuti ha jinxef; huwa ma riedx, qabad u dahal u gew fl-idejn.

Mhux minnu lanqas li meta zewgha kien jasal d-dar mix-xoghol ommha kienet tkun dejjem hemm u dan kien ikun darba kultant. Ommu qatt ma kienet tmur ghandhom u ccempel biex tara x'ghandhom bzonn. Tammetti li zewgha qallha biex ma tmurx t-tieg ta' ohtu biex ma taqlax problemi; haga li hi ma taccettax ghax hi mhix t-tifla tieghu.

Il-konvenuta tghid li tahseb li peress li l-familja tieghu u hu kienu tat-tajjeb kienu jgieghluha qisu thossha obligata lejhom u hija kellha bilfors tadatta ruhha.

**Suzanne Alimi**, oht l-konvenuta giet prodotta ukoll bhala xhud mill-konvenuta u x-xiehda hija l-istess.

Dwar il-problemi fiz-zwieg tghid li dawn bdew minhabba li hu kien dejjem barra milli d-dar – ma kienx hemm family life. Kellu hafna safar bix-xoghol, laqghet tar-*round table* u ohrajn kulljum anke l-Hadd. Ommu kienet dejjem tindahal u hu dejjem izomm ma' ommu u mhux ma' martu. Kien hobz u sikkina ma' ommu. Ommu kienet tghid lil ommha kull darba li kien ikollhom argument li bintha mhix *a good wife.* Ohtha kienet tghidilha biex ma taghtix kasha u li kull ma jigri bejniethom imur jghid lil ommu.

Tikkonkludi li *'The marriage was between three.'*

**L-Azzjoni**

L-attur fil-premessi tieghu qed jitlob li z-zwieg tieghu minn mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex, skont l-attur, il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett

serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d); il-kunsens tal-attur inkiseb ukoll b'qerq dwar kwalita tal-intimata illi setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (c); il-kunsens tal-intimata nghata wkoll b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f); il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bi vjolenza jew biza u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (a) tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

Il-konvenuta fil-premessi taghha qieghda toggezzjoni ghall-din it-talba stante li t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u tikkontendi li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa wiehed validu. Issostni li z-zwieg taghhom huwa validu peress li fil-meritu z-zwieg bejn l-partijeit sar b'mod responsabbli fejn il-partijiet mhux biss kienu jafu x'qeghdin jaghmlu imma kien l-istess attur li kien verament insistenti li l-partijiet jizzewgu; peress li l-partijiet kellhom perjodu ta' gherusija liema zmien tat lill-partijiet l-possibilita' jirriflettu sew fuq id-decizjoni taghhom biex jizzewgu liema kunsens inghata fid-data taz-zwieg u dan b'mod responsabbli u bil-konsapevolezza x'jinvolvi dan il-pass u peress li jidher b'mod car li r-relazzjoni li llum il-gurnata l-attur ghandu ma' persuna ohra qed tkun pass determinanti biex l-attur jistitwixxi dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Il-Gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph B vs Bernardette B"** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lawrence Attard vs George Attard"** deciza fit-30 ta' Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: *"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' leccezzjoni……Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".*

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti nnullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Ikkunsidrat.

Ezami tal-premessi u kawzali imressqa mill-attur fir-rikors promotur juri illi huwa qed isejjes il-kawza minnu ntavolta fuq erba' 'caput nullitatis' minn hamesa li l-Artikolu 19 tal-Kap. 255 jipprovdi dwarhom. It-test tal-ligi rilevanti ghall-pretensjonijiet tal-attur huwa s-segwenti:-

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**:

***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

***a) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;***

***- omissis -***

***(c) jekk il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

***- omissis -***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Ikkunsidrat***.***

Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-abbli **Perit Legali Dott.sa Anna Mallia**. Il-konkluzzjoni peritali taghha hi fis-sens illi l-pretensjonijiet tal-attur imsejsa fuq is-subincizi (a), (c) u (f) ma gewx sodisfacentement ippruvati. Ikkonkludiet ukoll li fir-rigward is-subinciz (d) l-attur irnexxielu jressaq provi sodisfacenti ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici msejsa fuq dan is-subinciz.

Ikkunsidrat.

***a) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża;***

Kif sew issenjalat il-Perit Legali, mhux kull biza' jwassal ghall-annullament taz-zwieg, u iccitat is-sentenza **Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry vs Dottor Alfred Mifsud noe** (P.A. 22 ta' Novembru 1982):

"Apparti kollox, fil-fehma ta' din il-Qorti, biex biza taqa taht l-artikolu in kwistjoni irid ikun cert, ta' certa gravita' serja u ghandha tigi distinta minn dak li hu misthija u frivolezza u kapricc ta' min ser jaghti l-kunsens. Barra minn hekk irid ikun realistiku"

Il-Qorti ticcita wkoll b'approvazzjoni s-sentenza **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) fejn gie kkwotat **Trabucchi** li dwar il-liberta' tal-kunsens spjega illi *"La liberta' del consenso che viene tutelata dalla norma si riferisce sia alla liberta' di contrarre matrimonio sia alla libera scelta del partner".* Il-Qorti qalet illi ghalkemm il-kuncett ta' v*jolenza"* u *"biza"* huma relatati, ghaliex effettivament il-*"biza"* hija l-effett tal-*"vjolenza",* l-**artikolu 19 (1) (a)** jikkunsidrahom separatament. Saret ukoll referenza ghal ***G. Lesage*** fejn jghid illi *"physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse."* Sabiex il-vjolenza tinnewtralizza il-volonta ta' min fl-apparenza jkun qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali jehtieg li tkun ta' certa gravita' (ara **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (VDG) 3 ta' Ottubru 1995).

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) 15 ta' Awissu 1995):-

*"biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra ,tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Intqal ukoll illi sabiex il-biza kontemplata fis-subinciz in dizamina tikkwalifika bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg jehtieg li tkun komposta minn tlett elementi:-

*"fl-ewwel lok trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha irid ikun kapaci, presumevolment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza trid tkun mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."* (**"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FDP) 20 ta' Gunju 1994).

Min ezami tal-atti il-Qorti, bhal Perit Legali, ma sabet l-ebda prova li b'xi mod tissostanzja din il-kawzali. Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li l-konvenuta kienet dominata minn ommha. Pero' dan ma jammontax la ghal biza u wisq anqas ghal vjolenza. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur ma jaghti l-ebda spjegazzjoni kif mill-provi mressqa wiehed seta jiddeduci li l-kunsens tieghu jew tal-konvenuta kien inghata minhabba vjolenza jew biza' fit-termini tas-subinciz (1) (a).

Il-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (a) ma gietx ippruvata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi respinta.

***(c) jekk il-kunsens inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga;***

Bhal Perit Legali, l-Qorti ma sabet xejn fil-provi mressqa li b'xi mod jista' jikkwalifika bhala "qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra". Ghall-kuntrarju proprju fix-xhieda tieghu jeskludi li l-konvenuta riedet tqarraq bih. Jghid hekk: "Mhux ghax C kellha xi skop hazin mill-bidu imma aktar ma ghadda z-zmien, jiena rrejalizzajt li C giet lura ghandi biss wara li cediet ghall-pressjoni kbira ……"

B'zieda mal-gurisprudenza ccitata mill-Perit Legali fir-rigward ta' din il-kawzali (**Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** u **Sciberras Stephen vs Av. Francesco Depasquale et noe**) il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**" (P.A. deciza fit-13 ta' Marzu, 1995), fejn gie ritenut illi:

*"Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:*

*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*

*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*

*(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*

*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma sabet xejn fil-provi li gew imressqa li jwassalha biex tislet xi hjiel ta' qerq da parti tal-konvenuta.

Ghaldaqstant qed tiddikjara illi l-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (c) ma gietx ippruvata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi wkoll respinta.

***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori. Tezisti gurisprudenza nostrana kopjuza fir-rigward kif jirrizulta fir-rapport peritali fosthom "**Galea vs Walshi**" (P.A. – 30 ta' Marzu 1995; **Muscat vs Borg Grech** (P.A. – 14 ta' Awissu 1995); "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Appell – 27 ta' Jannar 2006).

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine" (**P.A. - 28 ta' Mejju 2002) fejn jinghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*

Fis-sentenza "**Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) gie dikjarat illi: "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Fis-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzwewweg u jghix hajja konjugali izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoniji taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.

Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta’ zwieg imsejsa sew fuq is-subinciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-subinciz (1) (d), tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita’ tal-att, pero’ min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza “**Kenneth Cefai vs Louise Cefai**” (Appell – 11 ta’ Novembru 2011):-

“Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza **Baldacchino v. Duan**, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:

“It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage.”

“The First Hall of the Civil Court, in the case **Zammit v. Zammit**, decided on the 27th January 2006, said this on this issue,

“Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejndawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”

"Furthermore, this Court, in the case **Arqueros v. Arqueros Moreno**, decided on the 30th July, 2010, pointed out that when these two grounds are raised simultaneously there is an inherent contradiction which nullifies plaintiff's request. This Court put the issue in these terms:

"L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess."

"Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."

"One can indeed say, even in this case, that appellant's arguments in favour of a declaration of nullity of his marriage in terms of paragraph (d), nullifies his own arguments in favour of a declaration of nullity based on paragraph (f), and his arguments on the basis of paragraph (f), nullify what is said under paragraph (d), leaving plaintiff with no valid argument in support of his request!"

Cionostante l-Qorti ser titratta, kif qed taghmel, iz-zewg kawzali; naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

Il-Qorti ma rriskontra xejn li jipprova illi fil-mument tal-kunsens taz-zwieg il-konvenuta kienet qieghda teskludi iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif qed jallega l-attur. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-konvenuta kienet hasbet sew dwar dak li riedet taghmel. Jirrizulta illi peress li l-konvenuta kellha tifel minn relazzjoni precedenti, il-genituri taghha, li maghhom kienet tirrisjedi bit-tifel meta kienet bdiet tohrog mal-attur, kienu jinsistu maghha li meta tohrog mal-attur ma ddumx sa tard bil-lejl sakemm tidhol lura d-dar anke minhabba li kien ghad ghandha tifel zghir. F'din is-sitwazzjoni l-attur kien iwassal lill-konvenut d-dar u jerga johrog billi jmur jiltaqa' ma hbieb tieghu f'postijiet ta' divertiment. L-attur ma kien jiddejjaq xejn illi anke jmur jisfen ma' haddiehor. Meta l-konvenuta saret taf b'dan kienet waqfet ir-relazzjoni taghha mal-attur. Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta damet erba' snin shah tirrifjuta li terga tibda tohrog mal-attur, ghalkemm l-avvanzi u l-istedin tieghu ma waqfux tul dawk l-erba' snin. Tghid li kienet damet dawk l-

erba' snin tirrifjuta it-talbiet tieghu biex jergghu jibdew johorgu peress li kienet tilfet il-fiducja fih, "…. Ghax kien jerga johrog wara li johodni d-dar u ma fdajtux". Kien biss wara li kkonvinciet ruhha mis-sincerita' tal-attur li kienet accettat li terga tibda tohrog mieghu fejn waslu li hadu l-engagement u eventwalment izzewgu.

L-attur jghid li l-konvenuta mill-bidunett ma kenitx thobbu u li ghalhekk kienet eskludiet wiehed mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg. Il-konvenuta tirribatti din l-allegazzjoni meta xhedet hekk: "Jien dejjem ghamilt id-dmirijiet tieghi bhala martu, zammejt id-dar nadifa, kelli l-ikel dejjem lest u hadt hsieb it-tfal filwaqt illi A dejjem kien okkupat jew bix-xoghool jew safar jew bil-hobbies tieghu. Jien dejjem akkomodajtu f'kollox kif ried hu izda kont ingorr ghax hu ghalkemm kien jivvinta dawn il-hobbies ecc., ma kienx jghinni fil-preparazzjonijiet".

Jirrizulta illi effettivament il-konflitti li kien ikollhom il-partijiet ma kienx minhabba li l-konvenuta kienet eskludiet iz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, izda minhabba nuqqas ta' konsiderazzjoni serja da parti tal-attur fir-rigward tal-konvenuta fejn nonostante li issa kienu koppja mizzewga, dehrlu li seta jkompli bil-programm intensiv tal-hajja tieghu irrispettivament minn dak li kienet tahseb il-konvenuta.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti it-talba attrici msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 ma tirrizultax ippruvata u ghalhekk qed tigi respinta.

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat **."Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin"** jinghad hekk:

2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.

(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mao"** deciza mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2000 gie dikjarat illi:-

*"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett."*

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

Fis-sentenza **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 jinghad li:-

*“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.”*

Imbaghad fis-sentenza "**Atkins Charles vs Atkins Matilde"** (P.A. 2ta' Ottubru 2003) inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan is-subinciz u xi jrid jigi pruvat sabiex talba imsejsa fuqu tigi akkolta.:

*"Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.*

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) *" B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk* ***id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.”***(sottolinear ta’ din il-Qorti).

Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26 ta' Ottubru 2000) jinghad illi jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.* ***Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li***

***jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali***."*(sottolinear ta' din il-Qorti). (*ara wkoll **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Kif gie wkoll ritenut fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Inghad ukoll illi d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju "*…irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

L-istess sentenza tkompli tghid: *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju"*

Ikkunsidarat;

Li it-tezi tal-attur hija li il-kunsens huwa null peress li l-imhabba kienet kompletament nieqsa da parti tal-intimata u din izzewgitu biss ghaliex cediet ghall-insistenza u pressjoni kontinwa tieghu u tal-familja taghha (peress li kienet *single mother*) u mhux ghaliex kienet thobb lill-attur. B'dan l-attur irrid iffisser li n-nuqqas ta' maturita' affettiva u liberta fil-konvenuta fixkel il-fakulta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutativa taghha u irrenda il-kunsens invalidu. Jghid ukoll li dan il-kunsens ivvizzjat irrizulta f'ansjeta', depressjoni, aggressjoni fizika, vjolenza domestika u nuqqas ta' imhabba u komunikazzjoni.

Apparti li tal-familja jichdu li ghamlu xi pressjoni fuq il-konvenuta sabiex tizzewweg ghaliex kienet *single mother* u l-konvenuta tichad li kienet taht xi pressjoni meta tat il-kunsens taz-zwieg, jinghad li ghalkemm kienet *single mother* xorta hassret ir-relazzjoni meta dehrilha li l-attur mhux ta minn jafda fih, peress li saret taf li kien ikun Paceville wara li jwassallha id-dar, u regghet bdiet tohrog mieghu. Hadet iz-zmien (erba' snin) taghha sabiex tiddeciedi li terga taghtih cans u accettat li terga tibda relazzjoni. Il-fatt li kien ihobb lit-tifel taghha ma effetwahiex. Accettatu lura u taghtu cans iehor. Wara sena talabha sabiex jizzewwgu. Kien hemm il-volonta' ghaz-zwieg tat-tnejn kemm huma, fil-

fatt tlett xhur wara izzewgu. Ghalkemm l-attur isostni li l-konvenuta cediet ghall-pressjoni da parti tieghu, il-fatti juru mod iehor. Il-fatt li damet erba' snin tirrezisti l-avvanzi tieghu juru kemm il-konvenuta kienet konvinta minn dak li kienet qeghda taghmel. Kienet kun storja differenti kieku irrizulta li mal-ewwel avvanzi tieghu hija skartat l-oggezzjonijiet li kellha dak iz-zmien.

L-abbli Perit Legali issottomettiet fir-rapport taghha illi "*s-sitwazzjoni li kienu fiha bl-opinjonijiet, hsibijiet u indhil m'ghamlitiex facli ghall-partijiet sabiex jifformaw dik il-hajja mizzewga jew li jidhlu ghal dan iz-zwieg b'mod matur u b'decizjoni taghom personali minghajr ma jkunu influwenzati bid-decizjonijiet u l-hsibijiet tal-genituri'* u ghaldaqstant l-partijiet izzewgu **minghajr ma verament hasbu** x'riedu mill-hajja mizzewga jew jekk verament ridux din il-hajja u ghalhekk t-talba tal-atturi ghandha tintlaqa u jigi dikjarat zwieg null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta bi htija tat-tnejn.

Pero kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna '*Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, **ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb**, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.'* Lanqas huwa sufficjenti ghall-annullament taz-zwieg, "*…li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. (***Stellina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt - P.A. 15/4/1996)**

Ftit li xejn issemmew incidenti qabel iz-zwieg fejn seta johrog li d-diversi opinjonijiet, hsibijiet u indhil seta fixkel id-decizjoni tal-partijiet. Jissemma l-episodju fejn omm l-attur tant kienet determinata li iben il-konvenuta ma jkunx *ring bearer* fejn intqal li l-konvenuta kienet instemghat tghid li ma tmurx ghat-tieg; l-incidenti l-ohra li isemmew kienu kollha wara certu snin mid-data taz-zwieg tal-partijiet.
Ma jistax ikun hemm qbil ma' dak li qal l-attur fin-nota ta' kritika tieghu li *'dan l-incident iservi biex jitfa' dawl car fuq u jissostanzja l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali illi z-zwieg bejn il-partijiet ma kienx dak li verament riedu l-partijiet u li kien il-frott ta' hafna indhil zejjed, u pressjoni naxxenti mic-cirkostanzi u s-sens ta' inferjorita' da parti ta' l-intimata u l-familja taghha.'* In-nuqqas ta' diskrezzjoni trid tkun serja u gravi u mhux ibbazata fuq incident uniku.

Dwar in-nuqqas ta' imhabba, gie pruvat li meta kienu gharajjes kienu jmorru jinnamraw fil-privat gol-flat tal-genituri tal-attur u ghaldaqstant ma jistax jinghad li ma kienx hemm affezzjoni. Mhux minnu li ma kienx hemm affezzjoni bejn il-partijiet meta kienu gharajjes. L-attur jilmenta li l-konvenuta ma kenitx thobbu ghaliex kienet tirrejagixxi b'mod aggressiv fil-konfront tieghu. Il-konvenuta mill-banda l-ohra takkuza lill-attur li filwaqt li hija kienet taghmel l-ghalmu taghha sabiex tkun mara tad-dar tajba, l-attur kien mohhu fil-gala dinners u safar u lilha kien jitraskuraha. Din l-attitudni tal-attur wara z-zwieg kien halla effett negattiv

fuqha tant li kienet waqghet f'depression. Dan pero' kien zmien wara li l-partijiet izzewgu u mhux qabel. Mill-ispjegazzjoni li ta l-Psikjatra Dr Peter Muscat matul it-testimonjanza tieghu jirrizulta illi d-depression li kellha l-konvenuta ma kenitx kondizzjoni kronika u li minnha setghat tfieq tant li wara ftit taz-zmien kien naqsilha d-doza tal-medicina li kien ippreskrivilha. Jikkonferma d-depression li zviluppat fil-konvenuta kienet rizultat tad-diffikultajiet li zvilupaw fil-hajja mizzewga bejn il-partijiet.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi z-zewg partijiet kienu jafu x'inhuma qed jaghmlu meta dahlu ghaz-zwieg. It-tnejn kienu konxji tal-obbligi li z-zwieg jimporta u hadd minnhom ma kien qed ibati minn xi inkapacita' li jaghraf u jirrifletti dwar l-obbligi li zwieg igib mieghu. Sew l-attur kif ukoll il-konvenuta kellhom il-kapacita' mentali li jaghmlu dak id-dixxerniment necessarju dwar il-hajja konjugali li kienu dehlin ghaliha.

Ghalkemm irrizulta li zmien wara z-zwieg il-konvenuta waqghet f'depression, ma ngabu l-ebda provi li juru li l-fakolta' mentali tal-konvenuta fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg kienet menomata. Ghall-kuntrarju jirrizulta li l-kundizzjoni li zviluppat fil-konvenuta kienet rizultat tal-komportament tal-attur fil-konfront taghha. L-agir kultant aggressiv tal-konvenuta fil-konfront tal-attur li f'okkazzjonijiet kien anke vjolenti fizikament jidher li kien rizultat tal-frustrazzjoni li kienet ghaddejja l-konvenuta matul il-hajja mizzewga taghha mal-attur fejn bdiet thossha li tilfet ir-rigni kollu f'hajjitha peress li l-attur kien jaghmel dak kollu li jixtieq minghajr l-ebda konsiderazzjoni ghall-fehmiet taghha. Ma jirrizultax li l-konvenuta kienet qed tbati minn xi kundizzjoni li impeduwha milli taghraf fil-mument tat-tieg l-impenji matrimonjali li ghalihom kienet diehla.

Il-partijiet hadu decizzjoni li jizzewgu u din id-decizjoni it-tnejn haduwha in piena konsapevolezza ta' dak li kienu qed jaghmlu. Il-lanjanzi tal-attur jinkwadraw ruhhom bhala rilevanti f'kawza ta' tkissir taz-zwieg izda mhux ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg.

Fil-fehma tal-Qorti it-talbiet tal-attur imsejsa fuq is-sub inciz (1) (d) tal-artikolu 19 tal Kap 255 ma gewx sodisfacentement sostanzjati.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------